# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur

## AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE

## Seduta tal-Ġimgħa, 22 ta' April 2022

## Talba numru 254/2020SFJ

**KEVIN CAMILLERI (545781M) GĦAN-NOM TA' MOBILE AUTO MECHANIC**

**VS.**

**EXCLUSIVE "DHW" LIMITED (C58390)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-30 ta' Ottubru 2020 li permezz tiegħu ntalab li s-soċjetà konvenuta tkun ikkundannata tħallas lill-attur is-somma ta' erbat elef u tlett mija u għaxar Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€4,310.54) rappreżentanti l-prezz ta' xogħol imwettaq fuq diversi vetturi tas-soċjetà konvenuta;

Ra r-Risposta tas-soċjetà konvenuta ppreżentata fit-13 ta' Settembru 2021 li permezz tagħha ġie eċċepit li t-talba kienet ikkontestata stante li l-istess fattura ppreżentata f'din il-kawża kienet diġà ħarġet bl-istess numru u bl-istess data iżda b'valur differenti, kif ukoll għar-raġuni li r-rati msemmija ma kinux jirriflettu r-rati tas-suq, u s-soċjetà konvenuta qatt ma kkonfermat kwotazzjonijiet u/jew stimi li jaċċettaw il-valur tax-xogħol imwettaq;

Ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, sema' lix-xhieda u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-22 ta' April 2022

**Provi ppreżentati**

Matul l-udjenza tat-2 ta' Novembru 2021 xehed l-attur. Huwa spjega li kien *mobile mechanic* fis-sens li kellu vann mgħobbi bl-għodda u kien idur minn post għal ieħor. Kien hu li kien imur għand il-klijenti u mhux bil-maqlub. Huwa spjega eżattament x'tip ta' xogħol kien jitqabbad jagħmel mis-soċjetà konvenuta u qal li kien hemm tlett *invoices* pendenti.

Ix-xogħol deskritt fl-*invoices* relattivi kien ix-xogħol ta' jdejn l-attur u l-involviment tal-impjegati tiegħu.

In kontro-eżami, ix-xhud spjega li l-*invoices* ma sarux kontra *purchase orders*. Huwa qal li l-inkarigu mogħti lilu kien tramite xi telefonati. Ix-xhud qal ukoll li kieku, pereżempju, kien ikollu bżonn jixtri xi *parts* sostanzjali minn barra minn Malta, ma kienx jitlob depożitu għar-raġuni li hu kien jikkomunika ma' ċertu Mario u ċertu Gianluca u dawn kienu jieħdu ħsieb jibgħatu ċekk. Qal li ħadd mis-soċjetà konvenuta ma ffirmalu karti.

Ix-xhud ippreżenta tlett *invoices*, hawn deskritti.

- *Invoice* numru 001 datata 10 ta' Settembru 2020 għall-ammont ta' €1,814.84 (*VAT* inkluż);
- *Invoice* numru 002 datata 13 ta' Settembru 2020 għall-ammont ta' €1,276.76 (*VAT* inkluż);
- *Invoice* numru 003 datata 28 ta' Settembru 2020 għall-ammont ta' €1,218.94 (*VAT* inkluż).

Fl-udjenza tal-15 ta' Frar 2022 tkompla l-kontro-eżami tal-attur. Mitlub jikkonferma kellux jippreżenta lit-Tribunal prova li kien awtorizzat iwettaq ix-xogħlijiet wara stima, ix-xhud qal li ma kienx minnu li ntalab jippreżenta stima. Mistoqsi dwar kuntratti u/jew qbil fuq ir-rati għax-xogħol, ix-xhud spjega li saret laqgħa ma' ċertu Giovanni De Luca, liema laqgħa ma tatx frott.

**Konsiderazzjonijiet**

Ir-Risposta tas-soċjetà konvenuta tinqasam fi tlett partijiet. Fl-ewwel parti, is-soċjetà konvenuta tgħid li l-istess fattura ppreżentata f'din il-kawża kienet diġà ħarġet bl-istess numru u bl-istess data iżda b'valur differenti. Madankollu, is-soċjetà konvenuta ma ppreżentatx provi sabiex issostni dan u lanqas ikkontestat l-*invoices* li ppreżenta l-attur matul id-depożizzjoni tiegħu. F'ebda punt ma ħareġ, pereżempju, li l-*invoices* għandhom xi żball jew li *invoice* bl-istess numru kienet diġà nħarġet fil-passat b'ammont differenti indikat.

Dwar l-allegazzjoni li r-rati tal-attur ma kinux jirriflettu r-rati tas-suq, it-Tribunal jgħid li s-soċjetà konvenuta ma ppreżentatx provi sabiex issostni dak li qalet. Inoltre, fil-kontro-eżami, l-attur ma ntalabx jiġġustifika l-

ammonti indikati u ma sarux domandi li forsi setgħu jindikaw li s-soċjetà konvenuta emmnet li l-ammonti relattivi kienu esaġerati.

Dwar l-argument li ma ntalbux stimi, it-Tribunal għal darb' oħra josserva li kien jinkombi fuq is-soċjetà konvenuta li ġġib prova li hija talbet stima mingħand l-attur u wara li rat l-istima, ma tatux l-awtorizzazzjoni biex jibda x-xogħol. Ma tressqux provi li juru dan.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta huma miċħuda.

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-*invoices* ippreżentati mill-attur jitkellmu waħedhom. Inoltre, m'hemmx provi li dawn l-*invoices* ġew ikkontestati f'xi punt jew ieħor qabel inbdiet din il-kawża. M'hemm ebda indikazzjoni li l-*invoices* għandhom xi żbalji. Lanqas huwa l-każ, pereżempju, li s-soċjetà konvenuta allegat li x-xogħol deskritt fl-*invoices* ma sarx jew jekk sar, sar xogħol ħażin.

Tenut kont ta' dan, it-Tribunal huwa tal-fehma li t-talbiet tal-attur jimmeritaw li jintlaqgħu.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, tenut kont tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, u wara li ra l-atti sewwa, it-Tribunal jilqa' t-talbiet kollha tal-attur nomine u konsegwentement jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallsu s-somma ta' erbat elef u tlett mija u għaxar Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€4,310.54) bl-imgħax li għandu jkun ikkalkulat b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi u għandu jibda jiddekorri mid-data tal-aħħar fattura (jiġifieri t-28 ta' Settembru 2020) sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**